# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________ Klassi: ___________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

# Mill-Brimba u l-Mogħża … il-Ħajt tal-Ġejjieni.



Darba waħda, kull ħajta, sufa jew ħarira kienu jiġu minn għejun naturali. Il-ħajt kien jiġi mill-blanzun tal-qoton, is-suf mix-xagħar tan-nagħġa waqt li l-ħarir kien jiġi mix-xagħat tad-dudu *Bombyx mori*. *(par. 1)*

Robert Hooke, xjenzjat tas-seklu 17, iktar magħruf għall-istudji tiegħu fuq l-elastiċita` u missier il-mikroskopju, kien diġa` beda joħlom dwar ħajt sintetiku. Iżda kellhom jgħaddu mat-tliet mitt sena sa ma l-kumpanija *Du Pont*, fl-1937, ivvintat in-*nylon*. *(par. 2)*

Il-ħajt sintetiku għandu saħħa kbira. Tessuti bħall-*kevlar* huma b'saħħithom iktar mill-azzar meta tqishom f'piż indaqs. Dawn jintużaw fi ħwejjeġ li jilqgħu mill-balal lil min jilbishom. Minnhom jagħmlu wkoll il-kejbils li bihom jintrabtu l-astronawti waqt il-mixja tagħhom fil-baħħ ta' l-ispazju. In-*nomex* u ż-*zylon* jifilħu għal sħana kbira u għalhekk huma perfetti għall-ħwejjeġ tas-sewwieqa tal-karozzi tal-*Gran Prix* kif ukoll għal dawk li jaħdmu fit-taqsimiet tat-Tifi tan-Nar. *(par. 3)*

Qabel, mill-qoton kont tagħmel il-ħajt li, imbagħad, jintiseġ fi drapp. Dan taqtgħu għall-qies u tħitu skond min u fejn ser jilbes il-libsa. Il-ħolma tal-ġejjieni hi li mill-ħajt tmur dritt għal-libsa! *(par. 4)*

"Ma jistax ikun!", nistħajjilkom tgħidu. Iżda jekk tieqfu u taħsbu ftit, din il-ħaġa tistgħu tarawha ssir quddiem għajnejkom stess. Din hi ħaġa li l-brimba ilha tagħmilha għal dawn l-aħħar erba' mitt miljun sena. Hija u taħdem l-għanqbuta tagħha, il-brimba tuża l-ħarir li toħloq hi stess f'ġisimha. *(par. 5)*

Skond ix-xjenzjati, il-ħarir tal-brimba huwa l-aqwa ħajt biex jiġi imitat. Għandu ħames darbiet is-saħħa ta' l-azzar filwaqt li għandu l-vantaġġ li jista' jiġġebbed u jċedi skond il-ħtieġa. *(par. 6)*

B'xorti ħażina l-brimba m'hix bħat-tiġieġa; ma tistax titrabba fl-irziezet! Iżda x-xjenzjati ma jaqtgħux qalbhom. Huma injettaw il-*gene* li għandu l-brimb biex joħloq il-ħarir fiċ-ċelloli tal-mogħoż sabiex dawn jibdew jipproduċuh mal-ħalib tagħhom. U mbagħad, li jkun fadal hu li tipproċessa l-ħalib sabiex minnu toħroġ il-proteini tal-ħarir. B'hekk il-ħarir tal-brimb ikun jista' jiġi magħmul mill-ħalib tal-mogħoż! *(par. 7)*

Addattament minn kitba ta' J. F. Cachia

| **A. FEHIM IT-TEST** | **(10 marki)** |
|---|---|

1. X'kien jiġi minn għejun naturali? *(par. 1)*

______________________________________________________(marka)

2. Liema kien l-ewwel ħajt sintetiku ? *(par. 2)*

______________________________________________________(marka)

3. Semmi żewġ kwalitajiet speċjali li jista' jkollu l-ħajt sintetiku. *(par. 3)*

____________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

4. X'għad jista' jiġri fil-ġejjieni, u din il-ħaġa min ilu jwettaqha? *(par. 4 u 5)*

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

5. Liema huma ż-żewġ stadji fil-ħolqien tal-ħarir mill-mogħoż? *(par. 7)*

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

6. Taħseb li l-awtur tas-silta għandu fiduċja fix-xjenzjati? Xi jġagħlek taħseb b'dan il-mod? *(par. 7)*

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | **(20 marka)** |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA** **(11-il marka)**

1. Wieġeb kif mitlub/a:

i. parteċipju attiv, singular maskil ta' *joħlom (par. 2)* : _______________

ii. parteċipju passiv, plural minn *jilbishom (par. 3)* : _______________

iii. is-7 forma tal-verb *joħloq (par. 7)* : _______________

iv. it-2 forma tal-verb *toħroġ (par. 7)* : _______________

2. Sib mis-silta kif mitlub/a:

i. artiklu li assimila ruħu minn *par.1* : _______________

ii. prepożizzjoni magħquda ma' l-artiklu minn *par.1* : _______________

iii. verb irregolari minn *par. 6* : _______________

iv. avverbju taż-żmien minn *par. 6* : _______________

v. partiċella magħquda ma' oħra minn *par. 7* : _______________

3. *beda (par. 2)* hu verb (a) sħiħ ____ *jew* (b) dgħajjef ____ ?

4. Agħti l-imperattiv singular tal-verb *jiġu (par.1)* : _______________

**LESSIKU / VOKABULARJU** **(5 marki)**

5. Sib nom ta' nisel Rumanz mis-sitt paragrafu: _______________

6. Agħti kelma bl-istess tifsira bħal:

i. għejun *(par.1)* : _______________ ii. ivvintat *(par. 2)* : _______________

7. Sib il-kliem mis-silta li jfisser:

i. forza *(par. 3)* : _______________ ii. futur *(par. 4)* : _______________

**ANALIŻI TESTWALI** **(2 marki)**

8. Għal xiex qed jirreferu l-kelmiet *b'saħħithom* u *tqishom* ? *(par. 3)*

_______________________

9. Paragrafu 6 hu magħmul minn żewġ sentenzi. Liema waħda minnhom ma tistax tgħaddi mingħajr l-oħra, l-ewwel waħda jew it-tieni?

_______________________

**SINTASSI** **(2 marki)**

10. Ifred fi tnejn is-sentenza li ġejja mingħajr ma terġa' tuża ***imbagħad***.

Qabel, mill-qoton kont tagħmel il-ħajt li, imbagħad, jintiseġ fi drapp.

_______________________________________________

_______________________________________________

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

1. Fisser l-idjoma miktuba bil-korsiv:

Ix-xjenzjat Robert Hooke kien *dejjem saqajh fl-art.*

______________________________________________

2. Kompli b'qawl adattat:

Għad naħilbu l-mogħoż u nieħdu kemm il-ħalib kif ukoll il-ħarir!

Kif jgħidu, ______________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b** u ikteb madwar **80 kelma** :

**a**. Fl-iskola tagħkom ġie jkellimkom is-Sindku ta' Ħal Muxi u t-taħdita kienet dwar il-progress li qiegħed isir fir-raħal. Ikteb rapport dwar dak li qalilkom bil-ħsieb li dan jiġi ppubblikat f'gazzetta.

***Jew***

**b.** Ikteb dwar l-inizjattivi u/jew xogħlijiet oħra li qiegħed jagħmel il-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi biex isebbaħ l-ambjent tar-raħal.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Fi **8** punti ikteb fuq il-mod kif wasalt biex għamilt ir-riċerka dwar il-proġett ***L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija*** :

- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) L-ISQAQ / ANESTESIJA (8 marki)

Agħżel it-tweġiba t-tajba:

**Anestesija**

1. *Anestesija* jibda b'livell (realista / simboliku / xjentifiku) u bil-mod il-mod jgħaddi għal livell (realista / simboliku / xjentifiku). (2 marki)

2. It-tmiem tad-dramm hu wieħed (traġiku / komiku / superfiċjali). (marka)

3. It-tifel fid-dramm jirrappreżenta (lilu nnifsu / lill-kelb / nisel sħiħ). (marka)

**L-Isqaq**

4. *L-Isqaq* hu rumanz (storiku-romantiku / realista / tal-biża'). (marka)

5. Ir-rumanz ta' Chetcuti jagħtina kwadri mill-ħajja soċjali għall-bidu tas-seklu (wieħed u għoxrin / dsatax / għoxrin). (marka)

6. Il-karattru prinċipali fir-rumanz hu (Spigolo` / il-bejjiegħ tal-ħobż / Stejfen). (marka)

7. *L-Isqaq* hu miktub (fir-raba' / fl-ewwel / fit-tielet ) persuna. (marka)

**(ii) QAWSALLA : REFERENZA GĦALL-KUNTEST** **(10 marki)**

Aqra sew din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

## MUR ORQOD, BINTI

*(It-tieni eleġija għat-tieni tifel li ġie u telaq)*

“Le, le, tibqax tistenna aktar illejla,
sar ħafna ħin u ħuk, Sara, m’hux ġej.
Iss’idħol orqod w agħlaq dik it-tieqa,
Il-kwiekeb feġġu w riesaq ġmielu l-lej’.

“Xi nies mexjin lilhinn u qed jitbiegħdu,
u jidher ajruplan fil-bogħod għaddej,
fil-port dieħel vapur, waqfu l-karozzi,
’mma ’l hawn m’hu riesaq ħadd u ħuk m’hux ġej.”

“Min jaf, papa`, qabdux il-ġuħ fi triqtu?
Min jaf għejiex u waqaf biex jistrieħ?
Min jaf tilifx it-tren u qed jistenna?
Min jaf sabx ħafna xita w ħafna riħ?

“Jew tilef l-indirizz u f’din is-siegħa
ma jista’ jsaqsi ’l ħadd … fit-triq m’hawnx ruħ.
Jew ħabbat il-bibien u ħadd ma fetaħ.
Tibżax, papa`, tibżax, imxi nfittxuh.”

“Le, binti, sar il-ħin u trid tmur torqod.
Missierek jaf; tibqax tistenna għalxej’.
Iltaqa’ mal-Bambin u ħadu miegħu
U issa telqu ’l bogħod ’il bogħod it-tnej’.”

“Jekk qiegħed Miegħu nistaqsih u nsibu
għax il-Bambin iħobbni w jgħidli fej’.”
“Iv’iva, binti, agħlaq dik it-tieqa
għax daħal ġmielu l-lej’ u ħuk m’hux ġej.”

***OLIVER FRIGGIERI***

1. Bejn min hu d-djalogu fil-poeżija?

__________________________________________________(marka)

2. X’vers qed juża l-poeta fil-poeżija? __________________________(marka)

3. Mill-poeżija sib (a) aferesi: ______________________

(b) anafora: ______________________ (2 marki)

4. Sib vers tronk mit-tielet strofa:

________________________________________________________(marka)

5. X'karatteristiċi għandha l-poeżija li jorbtuha mat-tema ***Il-Familja***?

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________(5 marki)

**(iii) QAWSALLA : KOMPONIMENT LETTERARJU (12-il marka)**

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **150** kelma fuq karta separata:

**a**. Xi kittieba jiġbdulna l-attenzjoni illi ftit ftit qed neqirdu l-ambjent naturali ta' pajjiżna. Ikkummenta billi tirreferi għal xi xogħlijiet mit-taqsima ***Il-Protesta***.

**jew**

**b**. Ir-rabta bejn il-ġenituri u l-ulied. Ikkummenta b'referenza għal xi xogħlijiet mit-taqsima ***Il-Familja***.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **350** kelma fuq karta separata:

1. Ix-xjenza tgħin lill-bniedem. Taqbel?

2. Li kieku kont xjenzjat/a

3. Darba waħda ….

4. X'nixtieq li jseħħ f'dan is-seklu.

5. Dak li tiżra' taħsad.

6. Bniedem/bniedma li nammira.